**Minuti tal-Laqgħa nru 34 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li ġiet imsejħa għal-nhar il-Ħamis 3 ta' Diċembru 2009 fis-7.00 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.15 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 7.10 p.m. | 9.30 p.m. |
| Vi`i Sindku Josette Agius Decelis | 7.20 p.m. | 9.30 p.m. |
| Kunsillier Joseph Demartino | 7.00 p.m. | 9.30 p.m. |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.15 p.m. | 9.30 p.m. |
| Kunsillier Shirley Farrugia | 8.00 p.m. | 9.30 p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.15 p.m. | 9.30 p.m. |
| Kunsillier Paul Agius | 7.00 p.m. | 9.30 p.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | 7.00 p.m. | 9.30 p.m. |
| Kunsillier Christopher Grech | 7.15 p.m. | 9.30 p.m. |
| Kunsillier John Mary Camilleri | Skużat | |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | Skużata | |

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

**1.0 Sospensjoni tar-regolamenti**

Is-Sur Chris Grech talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex il-laqgħa tibda billi tiddiskuti l-għoti tat-tender għat-tiżjin ta' toroq billi ż-żmien kien daħal sew u l-armar kien meħtieġ jibda minnufih. Is-Sindku qabel li ssir sospensjoni, ma kienx hemm l-ebda oġġezzjoni u l-Kunsill għadda sabiex jiddiskuti din il-materja.

**2.00 Għoti ta' Tender għat-Tiżjin ta' Toroq għall-Milied.**

2.01 Is-Segretarju qassam kopja tar-rakkomandazzjoni tat-Tenders Adjudication Committee.

2.02 Kien hemm tender wieħed biss dak ta' Lawrence Cassar Ltd għas-somma ta' €18,500.

2.03 Il-Perit Chris Grech qara r-rapport . Huwa spejga li jidher li kien diffiċli tinġabar is-somma ta' €9,250 (nofs l-ammont tat-tender) mingħand tal-ħwienet ta' dawn it-toroq in kwistjoni u għalhekk il-Kumitat kien qed jipproponi li jinġabru biss 35 fil-mija tas-somma u mhux 50 fil-mija kif kien ġie deċiż mill-Kunsill.

2.04 Dwar it-toroq li għandhom jiżżejnu, is-Sur Joe Demartino qal li kien l-Kunsill li għandu jiddeċiedi.

2.05 Il-Perit Chris Grech ta' dettalji tat-tiżjin li kien ser isir u s-Sindku wera x-xewqa li anke toroq oħra u d-diversi Housing Estates għandhom jiżżejnu. Is-Sur Demartino qal li huwa jaqbel ma dan iżda wieħed irid jara jekk il-finanzi tal-Kunsill jippermettux li jsir dan . Dan japplika wkoll anke għall proposta ta' finanzjar mill-Kunsill ta' 65% tal-ispiża.

2.06 Sar qbil li tiġi aċċettata l-propsta tal-Adjudication Committee u tinħareġ letter of acceptance lill Lawrence Cassar Ltd sabiex isir it-tiżjin skont it-Tender. Ġie deċiż wkoll

li ma kienx hemm għalfejn tiġi iffirmata garanzija tal-ġbir ta' 35% fil-mija mir-rappreżentanti tal-ħwienet billi dawn sabu oġġezzjoni li jagħmlu dan.

**3.00** Għall-darba oħra ntalbet sospensjoni tar-Regolamenti sabiex is-Sindku jkun jista jaqra ittra li kien irċieva mill-Youth Empowerment Centre dwar il-mozzjoni li għaddiet fil-laqgħa Nru 33 u jirraporta dwar il-meeting li sar fuq l-istess mozzjoni mas-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said. Intalab ukoll permess tal-Kunsill sabiex jkun jista jitkellem membru mill-pubbliku. Ippropona s-Sindku u ssekonda Mario Sammut. Ma kienx hemm oġġezzjoni dwar dan.

3.01 Is-Sindku qara l-ittra ( kopja annessa) u tkellem is-Sur Philip Borg fejn spjega li fil-meeting mas-Segretarju Parlamentari kien ġie propost li l-Kunsill jaħseb biex jipprovdi għal spejjes tal-Youth Empowerment Centre fil-Budget tas-sena 2010 u jibqa jagħmel hekk sena wara l-oħra skont kif jippermettu l-finanzi tal-Kunsill u fl-istess ħin, fuq suġġeriment ta' l-istess Segretarju Parlamentari, japplika biex il-Youth Empowerment Centre jibbenefika minn xi fondi li għalihom issir sejħa minn programmi diversi u li hemm il-ħsieb li jinħarġu. Iżda, s-Segretarju Parlamentari ma setax jiggarantixi bil-miktub dwar dawn il-fondi u għalhekk kien il-Kunsill li għandu jara jekk il-budget tiegħu jippermettix li jiġu provduti dawn il-finanzi.

3.02 Sar qbil unanimu li meta jitfassal il-budget għas-sena 2010 dan jittieħed in konsiderazzjoni.

**4.00** Meta s-Sindku għadda sabiex jibda l-agenda proprja tal-laqgħa, is-Sindku irrimarka li huwa kien irċieva l-Minuti tal-laqgħa preċedenti sitt siegħat biss qabel din il-laqgħa u qal il-Minuti għandhom jibdew isiru u jitqassmu fi żmien ġimgħa mill-laqgħa.

**5.00 Approvazzjoni ta' pagamenti**

5.01 Ġew approvati żewġ listi ta' pagamenti:

1. Pagamenti li saru b'urġenza b'total ta' €9711.81
2. Pagamenti oħra b'total ta' €59,327.51

**6.0 Korrispondenza**

6.01 Is-Segretarju informa li billi bosta mill-korrispondenza li tkun fuq l-agenda mhix tiġi diskussa u xi kultant dan l-item jiġi maqbuż kompletament kien qed jiġri li ħafna korrispondenza tiġi skaduta u għalhekk kien qed jipproponi li tiġi diskussa l-lista l-aktar riċenti u korrispondenza oħra li tħalliet barra tiġi diskussa skont il-bżonn. Dan billi kien hemm listi twal ta' korrispondenza li qatt ma nqraw. Sar qbil unanimu dwar dan.

6.02 Ġiet diskussa lista ricenti ta' korrispondenza li jidher hawn taħt.

6.03 Dwar talba ta' tibdil fil-posti tal-monti il-Kunsill qabel li ma għandux jindaħal f'dawn il-kwistjonijiet u dawn jitħallew għad-dipartiment tal-Kummerċ u r-rappreżentanti tal-bejjiegħa tal-monti.

6.04 Ittra mill-MEPA dwar ġbir ta' Skart (RCV's) ġiet irreferuta lill-Kunsillier Paul Agius sabiex jirrispondi kif hemm bżonn.

6.05 Inqrat ittra mid-Direttur tad-Dipartiment is-Sur Natalino Attard dwar kundizzjonijiet diskriminatorji fil-ħruġ ta' Tender għall-Servizz ta' Perit. Ġie innotat il-kontenut ta' din l-

ittra u l-Kunsill ġie infurmat li l-Perit Alfred Grech kien qed jipprepara tender documents ġodda sabiex terġa tiġi ippublikata din is-sejħa.

6.06 Talba għall-informazzjoni mid-Dipartiment dwar skemi ta' ġbir ta' skart riċikabbli. Din l-informazzjoni għandha tintbagħat meta jiġi iffirmat il-ftehim mal-Green MT.

6.07 Ittra mill-Avukat Dr Joe Mifsud bil-parir li jitħallas l-aħħar kont dwar il-kawża tal-Bidnija lill ex avukati tal-Kunsill Ganado Sammut Advocates wara li ġew iffrankati madwar €2000 minn dan il-kont ġiet milqugħa u ġie awtorizzat il-pagament finali kif propost mill-Avukat Mifsud.

6.08 Talba għall-ġbid ta' film f'xi toroq tal-Mosta minn Marcella Bugeja ġiet approvata bil-kundizzjonijiet tas-soltu li jiġu avżati l-awtoritajiet tal-Pulizija.

## 7.00 Controlled Timed Parking fil-Mosta

7.01 Il-laqgħa ġiet infurmata li l-ADT kienet aċċettat li jsir timed parking għal 90 minuta . Is-Segretarju Eżekuttiv intalab jiċċara mal-ADT jekk residenti f'dawn it-toroq jistgħux jipparkjaw bla limitu ta' ħin.

## 8.00 Bye Law - Krejns

8.01 Is-Sindku qal li kien ser jinkariga lil avukat tal-Kunsill sabiex jipprepara bye law dwar armar ta' tower cranes fil-Mosta sabiex dawn jibdew iħallsu ammont diċenti għall-inkonvenjent li dawn joħolqu.

## 9.00 Staff Recruitement

9.01 Meta s-Sindku kien ser jitkellem fuq dan is-suġġett is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien għadu kemm irċieva ittra mingħand Dipartiment tal-Kunsilli, is-Sur Natalino Attard. Huwa qassam kopja ta' din l-ittra lill-Kunsilliera kollha.

9.02 L-ittra tad-Direttur kienet tordna li jitwaqqaf il-proċess ta' ingaġġ ta' skrivani ġodda u li kien qed jiġu irtirati l-permessi tad-dipartiment għall ingaġġ ta' impjegati ġodda mill-Kunsill wara li huma kien irċieva rapport uffiċjali mis-Segretarju Eżekuttiv dwar irregolaritajiet f'dan il-proċess ta' ingaġġ.

9.03 Kemm is-Sindku kif ukoll il-kunsillier Mario Sammut ipprotestaw dwar il-fatt li s-Segretarju Eżekuttiv kien bagħat rapport direttament lid-Dipartiment mingħajr l-awtorizazzjoni tal-Kunsill.

9.04 Is-Segretarju irribatta dan billi qal li l-liġi tal-Kunsilli, kif emendata, tipprovdi li s-Segretarji Eżekuttivi jaqgħu taħt il-ġuriżdizjoni diretta tad-Dipartiment u mhux tal-Kunsilli u għalhekk ma kienx obligat li r-rapporti tiegħu jġibhom quddiem il-Kunsill qabel jintbagħtu lid-Dipartiment.

9.05 B'konformita mal-ittra tad-Dipartiment dan l-item ma' baqax jiġi diskuss.

## 10.00 Non Urban Street Cleaning and Weed Cutting

10.01 Il-Kunsillier Pawlu Agius qal li huwa xtaq li jerġa jinħareġ tender għal qtugħ ta' ħaxix u tindif tat-toroq mhux urbani.

10.02 Is-Segretarju spjega li dan il-Kunsill kien ingaġġa handyman ieħor, minbarra il-ħaddiema tal-IPSL, sabiex dan ix-xogħol ikun jista jsir mill-Kunsill stess. Kien ukoll

inxtara mutur apposta. Huwa spjega li kien biss dan l-aħħar li beda jsir dan ix-xogħol fuq bażi regolari, darbtejn fil-ġimgħa, u għalhekk għandu jingħata ċans sabiex wieħed jara r-riżultat ta' dan ix-xogħol qabel jiġi deċiż jekk jinħariġx tender.

10.03 Il-Kunsillier Chris Grech qal li l-handymen għandhom jingħataw ix-xogħol ta' road markings biss.

10.04 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma jħossx li żewġ handymen bi spiża ta' kważi €4000 fix-xahar bejniethom u 3 handymen oħra tal-IPSL għandhom joqogħdu jagħmlu biss xogħol ta' road markings.

10.05 Ġie deċiż li għalissa ma jinħariġx tender għal dan ix-xogħol.

**11.0 Contract Skips – Green Mt**

11.01 Is-Sindku informa li huwa kien sodisfatt li jiġi iffirmat il-ftehim mal-Green MT dwar ġbir ta' skart riċiklabbli u bring-in-sites.

**12.0 Street Naming:**

**12.01** Ġie deċiż li tinkiteb ittra lill Street Naming Committee sabiex Quarries Junction tiġi msemmija għall Dun Salv Magro, parti minn Tower Street, minn Triq il-Kungress Ewkaristiku sa' l-Oratorju tas-subien tissemma għall-Dun Ang Camilleri, St Anne Junction tissemma għall-Charlie Vassallo u Triq il-Knisja fejn kien joqgħod il-Mons Bezzina tissemma għal Mons Bartilmew Bezzina.

**13.00 Ħwejjeġ Oħra**

13.01 Issemmiet l-ikla tal-Milied li ssir is-soltu għall Kunsilliera, żwieġhom u l-istaff tal-Kunsill iżda ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni dwar dan.

13.02 Ġie aċċettat li Kirby Fenech flimkien ma Bronk Productions jorganizzaw drama u music courses. Jiġi ippreparat ftehim għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

13.03 Ġie approvat li l-Perit Chris Grech ikellem lis-Sur Joe Quattromani sabiex tintuża tinda żgħira fuq il-pavimentar tal-pjazza sabiex jiġu ippreżentati attivitajiet għall-festi tal-Milied. Dan anke sabiex isir ġbir mill-club tal-football u għall-Community Chest Fund mill-Kunsilliera Kirby Fenech.

L-agenda ġiet eżawrita kollha.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.30 p.m.

Dott Paul Chetcuti Caruana
Sindku

John J. Camilleri
Segretarju Eżekuttiv